MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 641/2008

**FIMbank plc (C17003)**

**vs**

**Geot Trading Limited (C15785) u Simon Diacono (658357M) u Alfrieda Diacono (503058M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' FIMbank plc (C170030 datat 23 ta' Gunju 2008 fejn Vincent Valletta (ID535976M) bhala rapprezentant awtorizzat tas-socjeta' rikorrenti kkonferma bil-gurament tieghu:

1. Illi s-socjeta' rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta' intimata Geot Trading Limited fis-somma ta' erba' mija wiehed u sebghin elf u tmien mija u tmintax-il ewro (€471,818) bhala kapital lilha misluf, *oltre* l-ammont ta' disgha u ghoxrin elf, tmien mija u sebgha u tletin ewro u wiehed u sittin centezmi (€29,837.61) bhala imghaxijiet

pattwiti fuq l-istess kapital ikkalkolati mid-9 ta' Novembru 2007, u dan in forza ta' *facility letter* datata 15 ta'Jannar 2008, hawn annessa u mmarkata bhala Dok A;

2. Illi l-intimati, l-konjugi Diacono, permezz ta' skrittura tal-15 ta' Jannar 2008, ikkostitwew irwiehhom garanti solidali bejniethom u mal-istess socjeta' intimata ghall-istess obbligazzjonijiet tal-istess socjeta' intimata favur ir-rikorrenti, sal-ammont ta' €470,000, kopja hawn annessa u mmarkata Dok PG;

3. Illi dawn il-facilitajiet bankarji gew irtirati mis-socjeta' rikorrenti permezz ta' ittra tat-2 ta' Gunju 2008 mibghuta lill-intimati kollha, dokumenti annessi u mmarkati Dok B u C;

4. Illi mitluba illi jhallsu dawn l-ammonti, l-intimati baqghu inadempjenti;

5. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti lill-ligi ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi l-intimati m'ghandhom ebda difiza xi jressqu kontra t-talbiet rikorrenti u qieghed jigi hawn anness affidavit u mmarkat Dokument VV;

6. Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, is-socjeta' rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

a) Tisma' u tiddeciedi din il-kawza bid-dipsensa tas-smigh *a tenur* tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' erba' mija wiehed u sebghin elf u tmien mija u tmintax-il ewro (€471,818) bhala kapital lilha misluf, *oltre* l-ammont ta' disgha u ghoxrin elf, tmien mija u sebgha u tletin ewro u wiehed u sittin centezmi (€29,837.61) bhala imghaxijiet pattwiti fuq l-istess kapital ikkalkolati mid-9 ta' Novembru 2007;

c) A tenur tal-garanzija personali taghhom, tikkundana lill-intimati konjugi Diacono in solidum bejniethom u mas-socjeta' intimata li jhallsu erba' mija u sebghin elf ewro (€470,000)

Bl-ispejjez kollha, dawk tal-Mandati ta' Sekwestru numri 887 u 885 tas-sena 2008 u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-intimati li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' rikorrenti.

Rat in-nota tal-konvenuti datata 18 ta' Frar 2009 li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat.

Rat il-verbal tas-seduta datata 18 ta' Frar 2009.

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat jidhru gustifikati u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, skont il-procedura tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, anke peress li t-talba hija ammessa mill-konvenuti.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti kif dedotti fir-rikors guramentat datat 23 ta' Gunju 2008** *stante* l-ammissjoni *da parte* tal-konvenuti.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-Mandati ta' Sekwestru numri 887 u 885 tas-sena 2008 u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------